# Informazzjoni Importanti Dwar is-Sigurtà tal-UPS
## ERFA' DIN IL-GWIDA BIEX TIRREFERI GĦALIHA FIL-FUTUR

**Din il-Gwida Dwar is-Sigurtà fiha istruzzjonijiet importanti li għandhom jiġu segwiti waqt l-installazzjoni u l-manutenzjoni tat-tagħmir u batteriji ta' APC™ by Schneider Electric.**
**Din il-gwida hi maħsuba għall-klijenti ta' APC by Schneider Electric li jagħmlu setup, jinstallaw, ipoġġu f'post different, jew jagħmlu manutenzjoni fuq tagħmir ta' APC by Schneider Electric.**

**Aqra, ifhem, u segwi l-istruzzjonijiet KOLLHA dwar is-sigurtà li jinsabu f'dan il-manwal. Li tonqos li ssegwi l-istruzzjonijiet tas-sigurtà u t-twissijiet, jista' jirriżulta fi ħsara lit-tagħmir, korriment serju jew mewt.**

**Bidliet u modifiki lil dan il-unit li ma jkunux espressament approvati minnSchneider Electric IT Corporation jistgħu jannullaw il-garanzija.**

### Linji Gwida Dwar Kif Timmaniġġja l-Prodott




- Obdi r-regolamenti kollha nazzjonali u lokali dwar l-elettriku.
- Taħdimx waħdek taħt kundizzjonijiet perikolużi.
- Dan il-UPS hu maħsub biex jintuża fuq ġewwa biss.
- Tħaddimx dan il-unit f'dawl dirett tax-xemx, f'kuntatt ma' fluwidi, jew fejn ikun hemm trab jew umdità eċċessivi.
- Kun żgur li l-vents tal-arja fuq il-UPS ma jkunux imblukkati. Ħalli biżżejjed spazju għal ventilazzjoni xierqa.
- Dan il-unit ma fih l-ebda partijiet li jistgħu jissewwew mill-utent. Xi mudelli tal-UPS għandhom batteriji interni li jistgħu jinbidlu mill-utent.
- Għal UPS b'power cord installata mill-fabbrika, qabbad il-UPS power cable direttament ġo outlet fil-ħajt. Tużax surge protectors jew extension cords.
- It-tagħmir huwa tqil. Dejjem ipprattika tekniki adegwati ta' rfigħ bla periklu, li jkunu adattati għat-toqol tat-tagħmir.
- Il-batteriji huma tqal. Neħħi l-batteriji qabel ma tinstalla l-UPS u l-external battery packs (XLBPs) ġo rack.
- Dejjem installa l-XLBPs fin-naħa t'isfel f'konfigurazzjonijiet tar-rack-mount. Il-UPS irid jiġi installat fuq l-XLBPs.
- Dejjem installa tagħmir periferali fuq il-UPS f'konfigurazzjonijiet tar-rack-mount.

### Sigurtà elettrika

- M'għandek qatt tmiss l-ebda konnettur metalliku qabel ma tkun skonnettjajt il-provvista tad-dawl.
- Għal mudelli b'hardwired input, il-konnessjoni lejn il-branch circuit (mains) trid issir minn electrician ikkwalifikat.
- Mudelli ta' 230 V biss: Sabiex tinżamm il-konformità mad-direttiva tal-EMC għal prodotti mibjugħa fl-Ewropa, l-output cords imqabbdin mal-UPS ma jridux ikun itwal minn 10 metri.
- Il-protective earth conductor għall-UPS iġorr il-leakage current mil-load devices (tagħmir tal-kompjuter). Ground conductor insulat għandu jiġi installat bħala parti mill-branch circuit li jissupplixxi lill-UPS. Il-conductor irid ikollu l-istess daqs u materjal tal-insulazzjoni bħall-grounded u l-ungrounded branch circuit supply conductors. Il-conductor tipikament se jkun aħdar, bi jew mingħajr strixxa safra.
- Il-leakage current għal pluggable, Type A UPS jista' jkun ta' aktar minn 3.5 mA meta jintuża ground terminal separat.
- Il-UPS input ground conductor irid ikun bonded kif suppost ma' protective earth fis-service panel.
- Jekk UPS input power ikun ipprovdut minn sistema miksuba separatament, il-ground conductor irid ikun bonded kif suppost fis-supply transformer jew fil-motor generator set.

## Deenergizing safety

- Il-UPS fih batteriji interna u jista' joħloq periklu ta' xokk anki meta jkun skonnettjat mill-provvista tad-dawl AC u DC.
- L-AC u d-DC output connectors jista' jkun fihom kurrent minn kontroll remot jew awtomatiku fi kwalunkwe ħin.
- Qabel ma tinstalla jew tagħmel servicing fuq it-tagħmir, iċċekkja li:
  - L-input circuit breaker ikun fil-pożizzjoni mitfija **OFF**.
  - Il-batteriji Interni tal-UPS ikun tneħħew.
  - L-XLBP battery modules ikunu skonnettjati.

## Sigurtà tal-batterija

- Il-batteriji tipikament iservu minn sentejn sa ħames snin. Il-fatturi ambjentali jaffettwaw il-ħajja tal-batterija. Temperaturi ambjentali għoljin, provvista tad-dawl ta' kwalità batuta, u discharges frekewenti li jdumu ftit tal-ħin, se jqassru l-ħajja tal-batterija. Il-batteriji għandhom jinbidlu qabel ma jispiċċaw.
- Ibdel il-batteriji immedjatament meta l-unit jindika li t-tibdil tal-batteriji jkun meħtieġ.
- Meta tibdel il-batteriji, ibdilhom bl-istess numru u tip ta' batteriji kif oriġinarjament kien hemm installati fit-tagħmir.
- APC by Schneider Electric juża batteriji ssiġillati tat-tip Maintenance-Free Lead Acid. Taħt użu u mmaniġġjar normali, ma jkun hemm l-ebda kuntatt mal-komponenti interni tal-batterija. Iċċarġjar żejjed, sħana eċċessiva jew użu ħażin ieħor tal-batteriji, jista' jirriżulta f'discharge tal-battery electrolyte. L-electrolyte li toħroġ hija tossika u tista' tkun ta' ħsara għall-ġilda u l-għajnejn.
- ATTENZJONI: Qabel ma tinstalla jew tibdel il-batteriji, neħħi kwalunkwe ġojjellerija li tkun liebes bħal ktajjen, arloġġi u ċrieket.
  Uża għodda b'manki insulati. Short circuit current qawwi minn ġo materjali konduttivi jista' jikkawża ħruq serju.
- ATTENZJONI: Tarmix il-batteriji fin-nar. Il-batteriji jistgħu jisplodu.
- ATTENZJONI: Tiftaħx u timmutilax il-batteriji. Il-materjal li joħroġ minnhom hu ta' ħsara għall-ġilda u l-għajnejn, u jista' jkun tossiku.

## Informazzjoni ġenerali

- Il-UPS se jagħraf sa 10 battery packs esterni li jkunu mqabbdin mal-UPS.
- Il-mudell u n-numri tas-serje jinsabu fuq tikketta żgħira fuq il-panel tan-naħa ta' wara. Għal xi mudelli, tikketta addizzjonali tinsab fuq ix-chassis taħt il-bezel ta' quddiem.
- Dejjem irriċikla batteriji użati7
- Irriċikla l-materjali tal-pakkett jew erfagħhom għal użu mill-ġdid.

© 2017 APC by Schneider Electric. APC, il-logo ta' APC huma propjetà ta' Schneider Electric Industries S.A.S. jew tal-kumpaniji affiljati tagħhom. It-trademarks l-oħrajn kollha huma l-propjetà tas-sidien rispettivi tagħhom.

**MT 990-2827G**
**02/2017**